MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 2418/1998/1

**Rita Schembri nee' Calleja.**

**vs**

**Mario Schembri.**

**Il-Qorti,**

## **I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-21 ta' Jannar 2000 fejn huwa espona;

Illi huwa jinsab konvenut kontumaci fil-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija, li tinsab apppuntata ghal rapport peritali ghad-29 ta' Mejju 2000.

Illi l-esponent skopra li tezisti din il-kawza recentement, wara li kien gie f'Novembru 1999 msejjah ghal seduta quddiem il-Perit Legali u kien gie il-Qorti akkompanjat

mid-Difensur gdid tieghu (sottoskritt) sabiex hemmhekk jinforma l-Perit li jixtieq jiggustifika l-kontumacja tieghu quddiem din l-Onorabbli Qorti, halli hemm issir id-debitu verbal, izda s-seduta thasret; u ghalkemm stenna, ghad ma gietx iffissata seduta ohra.

Illi huwa jixtieq jispjega lill-Qorti ghala ma kienx wiegeb fil-hin preskritt mill-procedura ghac-citazzjoni relattiva – li kienet notifikata ghand ommu meta huwa kien imsiefer; u huwa ihoss li ghandu raguni valida biex jigi ammess jipprezenta Nota ta' Eccezzjonijiet fil-kaz partikolari, specjalment minhabba l-gravita' tad-domandi attrici.

Illi ghalhekk talab li din il-Qorti sabiex tappunta l-kawza ghal data vicin u possibilment qabel is-27 ta' Frar 2000 (meta ser ikun imsiefer fuq xoghol ghal xahrejn), u hemm taghtih il-fakolta' li jipproduci l-provi tieghu ghal biex jiggustifika l-kontumacja skond il-ligi.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 2 ta' Frar 2000 fejn ordnat in-notifika tal-istess rikors, u l-istess digriet gie ripetut fis-seduta tat-12 ta' Frar 2001.

Rat li l-konvenut ipprezenta rikors iehor fil-21 ta' Jannar 2000 fejn talab li jkollu access ghal ibnu.

Rat ir-risposta tal-intimata, ghal dan l-ahhar rikors, datata 25 ta' Frar 2000.

Rat li l-istess rikorrenti xehed fl-atti tal-istess rikors u fil-fatt inghata digriet datat 8 ta' Marzu 2001.

Rat ir-rikors ulterjuri tas-16 ta' Mejju 2001 fejn rega` talab li jinghata opportunita' jiggustifika l-kontumacja tieghu *stante* li ma kellu l-ebda tort ghaliex huwa fil-fatt ma irrospondiex ghac-citazzjoni attrici.

Illi l-attrici *tramite* l-Avukat taghha Dr. Lorraine Schembri Orland tat ruhha notifikata bir-rikors premess tas-16 ta' Mejju 2001.

Rat id-Digriet tal-Qorti diversament presjeduta fejn appuntat l-istess rikors (u iehor) ghas-smigh ghat-12 ta' Dicembru 2001.

Rat li l-istess seduta tat-12 ta' Dicembru 2001 giet differita ghas-6 ta' Frar 2002, u fis-seduta tas-6 ta' Frar 2002 giet differita quddiem din il-Qorti kif presjeduta.
Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Frar 2002 fejn l-istess rikors gie ordnat li jidhol fl-atti tal-kawza bejn il-partijiet u jigi trattat.

Rat il-verbal tas-seduti tal-15 ta' Mejju 2002, 29 ta' Ottubru 2002, u 9 ta' April 2003 fejn Dr. Schembri Orland opponiet ghat-talbiet kontenuti fl-istess rikors, u l-istess rikors thalla ghad-19 ta' Gunju 2003 ghall-provi kollha u trattazzjoni tal-istess rikors.

Rat il-verbal tad-19 ta' Gunju 2003 fejn la deher il-konvenut u lanqas id-Difensur tieghu u ghalhekk l-istess rikors dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja thalla ghad-decizjoni ghas-seduta ta' llum.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi fl-ewwel lok jigi nnutat li t-talba tal-konvenut sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu giet mressqa permezz ta' zewg rikorsi datati rispettivament 21 ta' Jannar 2000 u 16 ta' Mejju 2001.

Illi t-talbiet fl-istess rikors huma identici, u peress li dwar l-ewwel rikors tal-21 ta' Jannar 2000 kien inghata digriet ghan-notifika tal-istess, li baqa' mhux notifikat, din il-Qorti, sejra tirrevoka *contrario imperio* l-istess digriet fejn giet ordnata tali notifika, u ser titratta l-mertu tal-istess rikors li huwa identiku ghal dak ipprezentat fis-16 ta' Mejju 2001, li jittrattaw dwar it-talba ghall-gustifikazzjoni ta' kontumacja imressqa mill-konvenut.

Illi fil-fatt l-istess konvenut jallega u dan biss permezz tal-istess rikors li ghalkemm huwa debitament notifikat, huwa ghandu xorta jinghata l-opportunita’ li jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu *stante* li n-notifika saret ghand ommu, izda dak iz-zmien tan-notifika huwa kien imsiefer.

Illi dwar  dan il-lament tal-konvenut, huwa ma ressaq ebda provi kwalunkwe, la *tramite* affidavits u lanqas permezz ta’ xhieda *viva voce* u dan *nonostante* it-trapass taz-zmien u wkoll *nonostante* li l-istess konvenut inghata minn din il-Qorti l-opportunita’ sabiex jaghmel dan f’seduta *ad hoc* iffissata ghal tali skop, u ghalhekk taht dan l-aspett ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut, minhabba l-fatt li naqas li jressaq provi sabiex jippruvaw l-allegazjonijiet minnu vantanti, li fuq kollox kien oneru tieghu li jaghmel, ma rnexxilux jaghmel dan u t-talba tieghu ghandha tigi michuda.

Illi veru li din hija kawza ta’ annullament taz-zwieg, pero’ wkoll ma hemm l-ebda dubju li r-regoli tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja huma l-istess ghal kull kawza, kemm jekk din titratta dwar l-ligi tal-familja, u kemm jekk hija kawza ohra ta’ natura civili jew kummercjali, u dan ghaliex il-ligi ma taghmel l-ebda distinzjoni fir-rigward, kif ukoll lanqas taghmel din id-distinzjoni jew differenza ta’ trattament, il-gurisprudenza nostrali.

Illi f’dan il-kuntest huwa relevanti dak li inghad fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Apell fil-kawza fl-ismijiet **“Vivienne Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi”** (A.C. (JSP) (CA) (JDC) 21 ta’ Lulju 2001 fejn inghad is-segwenti:-

*“Indubbjament l-istutut ta’ kontumacja bl-ebda mod ma huwa relatat mal-mertu tal-kawza jew ma’ l-implikazzjonijiet personali, socjali jew xort’ohra tieghu.  Hu istitut intiz biss bhala fren biex irazzan l-atteggjament ta’ kontumelja u disprezz da parti ta’ min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa.  Ma kienx gust allura li ssir distinzjoni jew preferenza fejn il-ligi ma taghmilhiex u ma tippermettihiex”.*

*"Din il-Qorti tiddistingwi wkoll bejn l-istat kontumacjali li kellu jkun uniformement l-istess ghal kull min, bl-atteggjament negattiv tieghu, juri kontumelja u disprezz lejn il-Qorti, indipendentement mix-xorta tal-mertu tal-kawza, u l-mod kif il-gudikant jipprocedi fit-trattazzjoni tal-kawza, benche' fil-kontumacja tal-parti, biex jassigura smiegh xieraq u gust li lanqas jaghmel hsara lill-kontendenti. Dan partikolarment minhabba l-fatt illi l-istat kontumacjali tal-konvenut jew tal-konvenuta f'kawza ta' separazzjoni personali jista' wkoll spiss ikollu effett negattiv mhux biss fuq dik il-parti, imma wkoll fuq haddiehor, bhal per ezempju l-ulied minuri".*

*:Konsidrat imbaghad li hu ormai pacifiku illi l-kontumacja ma tissarrafx f'ammissjoni tal-konvenut, imma pjuttost f'kontestazzjoni tat-talbiet attrici, hu car ukoll li l-Qorti kellha latitudini wiesgha fil-kondotta tal-proceduri quddiemha, anke biex tasal ghall-konvinciment dwar min kien rejalment il-htija tat-tifrik taz-zwieg".*

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-oggezzjoni tal-attrici ghat-talba tal-konvenut ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja, **tichad it-talba tal-konvenut kontenuta fir-rikorsi tieghu datati rispettivament 21 ta' Jannar 2000 u 16 ta' Mejju 2001,** *stante* li l-konvenut ma ressaq ebda provi sabiex jissostanzja l-istess, u ghalhekk tali rikorsi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, proprju minhabba mankanza ta' provi.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni a karigu tal-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------